# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Frar 2020

**Rikors Numru : 278/2019 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**JB**

**Vs**

**PB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JB datat 14 ta' Ġunju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fil-ħamsa (5) ta' Ġunju tas-sena elf, disa' mija, u disa' u disgħin (1999) kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok A.*

*Illi minn dan iż-żwieġ huma kellhom u għandhom tifla waħda li llum hija maġġorenni bl-isem ta' V li twieldet f'X kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat bħala Dok B;*

*Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat fit-tletin (30) ta' April 2003 fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Ian Spiteri kif jirriżulta mill-kopja tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bħala Dok C;*

*Illi l-partijiet ilhom separati ormai għal ħafna aktar minn erba' (4) snin;*

*Illi llum żgur illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin u peress illi l-minuri illum hija maġġorenni ma fadal ebda obbligu ta' ħlas ta' manteniment versu l-minuri kif kien oriġinarjament kkuntrattat;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet u l-kriterji kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili , ċioe l-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti JB umilment u bl-ikbar rispett qiegħda titlob lil din il-Wisq Onorabbli Qorti sabiex:*

a. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejniet il-partijiet u ċioe bejn JB u PB ai termini tal-Artikolu 66 B et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

b. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi annotat fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez tal-preżenti kontra l-intimat illi minn issa huwa inġunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' PB, datata 6 ta' Awwissu 2019 a fol 18, li taqra hekk:

*Illi l-attriċi ppreżentat rikors ġuramentat fejn għar-raġunijiet hemm premessi talbet lil dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti u dan ai termini tal-Artikolu 66 B et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex ir-Reġistratur tal-Qrati javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-deċiżjoni tagħha sabiex din tkun tista tiġi annotata fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet u*

*konsegwentament jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*Illi fir-rigward tal-fatti saljenti hekk kif elenkati fil-paragrafi numru wieħed (1) sa' sitta (6) tar-rikors promotur m'hemm ebda kontestazzjoni;*

*Illi pero l-indirizz fejn għandu jiġi notifikat bl-atti tal-kawża ma huwiex dak riportat fuq l-att tar-rikors ġuramentat iżda huwa Y u għaldaqstant għall-finijiet ta' kull korrispondenza fir-rigward ta' dawn il-proċeduri il-konvenut għandu jiġi notifikat f'dan l-indirizz surriferit u mhux dak f'W;*

*Illi l-konvenut PB ma jopponix għat-talbiet attriċi, iżda peress li din hija proċedura li tnediet mill-attriċi, ma hija issir ebda kontestazzjoni u l-konvenut qiegħed jaċċetta it-talbiet kollha attriċi, għajr it-talba għall-kundanna għall-ispejjeż, l-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jiġu sopportati minnha u mhux mill-konvenut;*

*Illi ma intweriet ebda raġuni valida fil-liġi u ma inġabret ebda prova mill-attriċi il-għaliex l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati mill-konvenut;*

*Għaldaqstant, filwaqt li l-konvenut jagħmel riferenza għat-talbiet kollha attriċi u l-fatti kollha elenkati fir-rikors promotur tagħha bin-numru* ***278/19 JPG*** *fl-ismijiet premessi, kif ukoll dawk il-provi annessi flimkien mal-istess rikors, kemm-il darba permezz ta' din ir-risposta qiegħed iġib a formali konjizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li huwa ma jopponix għall-istess talbiet attriċi* ivi *hemm kontenuti, jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, li filwaqt li tilqa u takkorda it-talbiet kollha attriċi, jogħġobha tassenja u takkorda l-ispejjeż kollha ta' din l-istanza a karigu tal-attriċi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**JB** xehdet bil-ġurament (fol 21) illi hija izzewġet lil PB fil-5 ta' Ġunju 1999. Minn dan iż-żwieġ twieldet tifla illum maġorrenni, u li għandha impjieg *full time*. Dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet isseparaw fl-2013. Mid-data ta' separazzjoni personali ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Il-manteniment dejjem tħallas u ma hemm l-ebda arretrati tal-istess.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:    [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Ġunju 1999  (Vide Dok A fol 6) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla illum maġorrenni u taħdem *full time*;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Ian Spiteri, datat 30 ta' April 2003   (vide Dok. C   fol 8 et seqq.) kif sussegwentament emendat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni addizzjonali datat 2 ta' April tas-sena elfejn u tmienja (fol 12 et seqq)   u ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**